

Il-ġlieda kontra l-vjolenza sessista mfixkla serjament minn lakuni fid-dejta

Esperti dwar il-ġbir ta' dejta mill-UE-28 inġabru f'Vilnius għal-laqqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-vjolenza sessista (GBV), fejn talbu lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżguraw ġbir ta' dejta armonizzata u komparabbli dwar il-GBV fl-UE-28. "Il-ġbir ta' dejta komparabbli u diżaggregata skont is-sess huwa neċessarju biex titkejjel l-effikaċja tal-isforzi tagħna biex inġibu fi tmiemha l-vjolenza sessista. Il-vjolenza sessista kontra n-nisa għadha kriminalità moħbija madwar l-UE. In-nuqqas ta' dejta u informazzjoni affidabbli dwar il-prevalenza tal-vjolenza timpedixxi l-progress fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa. Hija meħtieġa azzjoni urġenti mill-gvernijiet biex jindirizzaw dan in-nuqqas", tgħid Therese Murphy mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), organizzatriċi tal-laqqgħa.

Ir-riżultati tal-ewwel studju tal-UE dwar l-immappjar tas-sitwazzjoni attwali u l-potenzjal tas-sorsi tad-dejta amministrattiva dwar il-GBV, immexxija mill-EIGE, juru li l-kejl tal-vjolenza sessista huwa serjament imfixkel minn lakuni fid-dejta. Fil-livell tal-UE f'dan il-qasam ma hemm l-ebda dejta komparabbli u diżaggregata skont is-sess. L-istudju tal-EIGE mmappja u vvaluta s-sorsi tad-dejta amministrattivi fl-UE-28 f'termini tal-kwalità u l-komparabilità tagħhom u identifika passi neċessarji biex tinġabar dejta komparabbli dwar il-GBV mill-UE-28. L-esperti kollha kkonsultati enfasizzaw li dejta komparabbli u armonizzata u koordinazzjoni effettiva u strutturata bejn il-partijiet involuti fil-ġbir tad-dejta huma kruċjali biex jitkejlu u jiġu mmonitorjati l-inizjattivi biex tiġi miġġielda l-vjolenza sessista.

25 000 post huma nieqsa ġewwa dar ta' kenn

Ir-rapport tal-EIGE "Vjolenza kontra n-Nisa. Appoġġ lill-Vittmi" żvela wkoll li servizzi speċjalizzati bħal djar ta' kenn, servizzi ta' konsulenza jew hotlines huma mqassma b'mod inugwali fost u fl-Istati Membri tal-UE u li ħafna minnhom jiffaċċjaw problemi ta' kapaċità u kwistjonijiet ta' finanzjament. Skont ir-rapport tal-EIGE, fl-UE hawn nuqqas ta' aktar minn 25 000 post ġewwa djar ta' kenn.

Talba għall-bidla

L-istituzzjonijiet tal-UE huma impenjati li jagħmlu l-UE ħielsa mill-vjolenza għal kulħadd. Biex jinkiseb dan, għandu jittejjeb il-ġbir ta' dejta fl-Ewropa dwar il-vjolenza sessista. Aħna nittamaw li l-istudju l-ġdid tal-EIGE u l-għodod il-ġodda żviluppjati mill-EIGE se jkun ta' sostenn biex issir il-bidla. Huwa għodda għall-immappjar *biex* jiġi kkonsultat u esplorat l-użu potenzjali ta' kważi 150 sors amministrattivi ewlieni u 100 prodott statistiku li jkun fihom dejta amministrattiva dwar il-GBV fil-livell tal-UE.

Dwar l-istudju: <http://eige.europa.eu/gender-based-violence/administrative-data-sources/about>

Għodda għall-immappjar biex jiġi kkonsultat l-istatus attwali tas-sorsi amministrattivi ewlenin u l-prodotti statistiċi li fihom dejta dwar il-GBV fil-livell tal-UE:

<http://eige.europa.eu/gender-based-violence/administrative-data-sources>

Prodotti statistiċi dwar il-GBV fl-Istati Membri UE-28: [http://eige.europa.eu/gender-based-violence/administrative-data-sources/search?%20title=&type\[\]=eige_statistical_product](http://eige.europa.eu/gender-based-violence/administrative-data-sources/search?%20title=&type[]=eige_statistical_product)

Segwi l-EIGE fuq Twitter: @eurogender